**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 74/2020

**IL-PULIZIJA**
(Supretendent Trevor Micallef)

**Vs**

**Alex Galea,**
**Andrew Galea, u**
**Twain Sciberras.**

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Alex Galea**, iben Paul u Dolores nee Spiteri, imwieled Pietà, nhar l-24 ta' Frar, 1993, u residenti 36, Suor Zita, Triq il-Mandolina, B'Buġa u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 110193M, u **Andrew Galea**, iben Paul u Dolores nee Spiteri, imwieled Pieta nhar it-13 ta' Frar 1987, u residenti 40, Sajonara, Triq Hector Dalli, Żejtun u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 99587M, u **Twain Sciberras**, iben Patrick u Tania nee Attard, imwieled Pieta nhar id-9 ta' April 2000, u residenti 24, Carb Tree, Flt. 2, Triq il-Mandolina, B'Bugia, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 132200L, akkużat flimkien talli nhar il-31 ta' Jannar 2019 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar, ġewwa 40, Sayonara, Triq Hector Dalli, Żejtun, u f'postijiet oħra f' dawn il-Gżejjer, u/jew fill-viċinanzi:

1. Lil Alex Galea waħdu talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar ikkaġunajt ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Victor Lofreda.
2. Akkużati kollha talli fl-istess data, ħin, postijiet, u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arrestajtu, żammejtu, jew issekwestrajtu lil Victor Lofreda u Josianne Sciberras kontra l-volontà tagħhom, jew ta' l-post biex fih dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrata.
3. Akkużati kollha talli fl-istess data, ħin postijiet u ċirkostanzi kkommettejtu serqa ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Victor Lofreda u jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, u bil-lok.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tipprovdi għal garanzija ta' Victor Lofreda u Josianne Sciberras skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-uffiċjal prosekutur ippreżenta fost dokumenti oħra estratt taċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tiegħu, kif ukoll kopja ta' rapport tal-Pulizija b'numru ta' referenza 5/K/277/2019, ċertifikat mediku ta' Victor Lofreda, stqarrija ta' l-imputat, u dokument li juri li l-istess akkużat ingħatalu d-dritt ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interrogazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta ta' nhar it-22 ta' Settembru 2020, quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta nqraw bil-ġurament l-akkużi mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Trevor Micallef, u wara li sar l-eżami l-imputati kollha wieġbu mhux ħatja. Sussegwentement waqt is-seduta ta nhar il-5 ta Ottubru ingħata digriet dwar *prima facie*.

Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2020 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont l-artikoli msemmija fin-nota, u wara li waqt is-seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2021, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi, nqraw l-imsemmija artikoli, u l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-kawża tagħhom jitkomplew bil-proċedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2022, l-imputati iddikjaraw li ma kinux se jixhdu u li d-difiża ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu dan il-każ ġie assenjat lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi waqt is-seduta ta nhar it-2 ta Ġunju 2023 il-partijiet eżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet li għalkemm kienet saret quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, peress li t-traskrizzjonijiet ta' l-imsemmija xhieda ma rriżultatx mill-atti proċesswali, bi qbil bejn il-partijiet, huma reġgħu ttrattaw il-kawża oralment quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ jittratta allegat arrest illegali u aggressjoni minn naħa tal-imputati fil-konfront ta' Victor Lofreda, u Josianne Sciberras dan wara li allegatament Lofreda kien inganna lill-omm l-imputati Galea billi ħadilha depożitu ta' €750 fuq kirja ta' post li ma kienx jeżisti, u dwar dan inħareġ dokument allegatament falz minn Lofreda li għadda għand omm l-imputati Galea u spiċċa għand l-imputat Alex Galea. L-imsemmija omm. Jiġifieri Dolores Galea, detentriċi tal-karta tal-identità bin numru 0465964M għamlet rapport dwar dan fil-31 ta' Jannar 2019, liema rapport jinsab eżebit fol 82 sa 83 tal-proċess. Allegatament Lofreda pprova jagħmel l-istess mat-tfajla ta' wieħed mill-imputati, Alex Galea, u meta mar biex jiġbor il-flus mir-residenza ta' omm l-imputati Galea seħħ l-allegat inċident. Konsegwenza ta' dan, Lofreda u Josianne Sciberras allegatament ġew arrestati illegalment u misruqa mill-imputati, kif ukoll Lofreda waħdu safa aggredit u mweġġa.

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni minbarra l-istqarrijiet ta' kull wieħed mill imputati, ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Pc 1227 Malcolm Pace** xehed li fil-31 ta' Jannar 2019 Victor Lofreda kien irrapporta l-għassa taż-Żejtun u beda jistaqsi jekk kienx sar rapport kontra tiegħu. Huwa lmenta illi l-familja li kienu għamlu rapport kontra tiegħu ħadulu l-mobajl, projector u television. Stqarr li kien għadu kemm ġie miċ-ċentru tas-saħħa minn fejn kien inħariġlu ċertifikat mediku tal-ġrieħi li ġarrab. Peress li s-surġent ma kienx l-għassa dakinhar, ix-xhud talbu jerġa jiġi l-għassa fit-3 ta' Frar. Dakinhar hu kien ġie l-għassa, u x-xhud innota li kellu żewġ black eyes u xi punti fuq il-kappell ta' għajnejh ix-xellugija. Lofreda kien ippreżenta ċertifikat mediku dwar ġrieħi gravi maħruġ mit-tabib Dr W Buhagiar taċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid. Huwa xehed li Lofreda kien qallu li xi ħamest ijiem qabel il-Ħamis tal-31 ta' Jannar 2019, huwa kien wiegħed li jikri post lill ċerta Doris li kienet ħabiba tat-tfajla tiegħu u għal dan talabha depożitu ta' €750. Huwa stqarr li kien għamlilha irċevuta bl-affarijiet foloz. Waqt ix-xhieda tiegħu huwa ikkonferma ir-rapport esibit fl-atti tal-proċess kif ukoll iċ-ċertifikat mediku li kien ingħatalu minn Victor Lofreda.

2. **Dr Whitney Sciberras Buhagiar** wara li ġie murija iċ-ċertifikat mediku eżebit fl-atti ikkonfermat li kienet ħarġitu wara li eżaminat lill Victor Lofreda fil-Polyclinic ta' Raħal Ġdid, u peress li dawn kienu fuq il-wiċċ hija indikathom bħala ġrieħi ta' natura gravi.

3. **Josianne Sciberras** xehdet li ma kienitx tiftakar id-data, biss ftakret li kienet marret iż-Żejtun għand Dorris ma Lofreda. Hija xehdet illi malli waslu fil-post u ħabbtu l-bieb, fetaħ Alex li jiġi t' tifel ta' Dorris, u mill-ewwel indunat li kien hemm xi ħaġa mhux f'postha. Ġewwa hija tgħid li kien hemm xi għaxar minn nies, u li l-imputati kienu kollha hemm. Alex kien uriha karta, li kienet dwar kirja ta' post u Victor kien mar biex jiġbor xi flus. Qalet ukoll li Alex beda jagħti lill Victor u ħadlu mija u ħamsin Ewro minn ġol kartiera. Tgħid li dawn ħadhom għax Victor kien ħa l-flus lill-ommu u riedu sitt mija oħra. Tgħid ukoll li, Victor dak inhar tal-inċident kien mar id-dar ta' Dorris biex jiġbor xi flus għal kirja oħra li ried jagħmel mat-tfajla ta' Alex. Hija tixhed li l-postijiet ma kinux vera u l-karta kien fiha isem falz. Hija xehdet li Andrew, it-tifel iż-żgħir li hija għarfet fl-Awla, ħadha biex tiġbor xi flus. Hi tgħid li tatu l-flus kollha u li riedu aktar, u għalhekk Wayne li hija għarfet fl-Awla ħadha fejn kienet toqgħod u minn hemm ħadu l-projector. Hi tgħid li d-dar ta Dorris damu iktar minn sagħtejn, imbagħad tikkalkula li damu xi erba' sigħat. Fl-istess ħin tikkonferma li hi ma kienitx hemm. Hija

tgħid li mid-dar tagħha huma marru lura d-dar ta' Dorris. Hija tikkonferma li ma tħallietx titlaq.

4. **Is-Supretendent Trevor Mallia** xehed li wara li ngħata l-informazzjoni dwar l-akkadut mis-Surġent 1277, kien bagħat għal-imputati u ħadilhom stqarrija. Huwa kien ukoll f'okkażjoni oħra ippreżenta rapport bin-numru 51/2018 li kien sar minn Dolores Galea fil-31 ta' Jannar 2019 msemmi aktar il-fuq.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, id-Difiża filwaqt li għamlet xi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni għażlet li ma tressaq l-ebda prova addizzjonali. L-imputati kollha għażlu li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif kellhom kull dritt li jagħmlu.**

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji ddettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih

hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Barra minn hekk dwar il-kredibbilta' tax-xhieda, din il-Qorti tirreferi għal dak li jgħid it-tieni subinċiż tal-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe li xhud wieħed waħdu jekk emmnut huwa suffiċjenti bħala prova sabiex tinstab ħtija **(ara fost oħrajn Appelli kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono, deċiża fis-6 ta' Novembru 2002, Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella, deċiża fis-16 ta' Marzu 2001, Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna, deċiża fid-9 ta' Novembru 2011, u Republika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri, ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u deċiża fl-24 ta' Settembru 2004).** Dan qiegħed jingħad partikolarment minħabba l-fatt li f'din il-kawża m'hemmx wisq xhieda. Biss jekk din il-Qorti issib li tali xhieda hija kredibbli, u mhix kontradetta minn xhieda oħra, allura tkun tista' tistrieħ fuqha bħala prova tal-fatti kif dettati f'dik ix-xhieda.

2. **L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Alex Galea waħdu:**

> *"talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar ikkaġunajt ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Victor Lofreda."*

L-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

*"214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajjata' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna."*

L-artikolu 215 imbagħad ikompli billi jistabbilixxi li *"l-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa."*

Ta' relevanza partikolari dwar din l-akkuża hu dak li jgħidu l-artikoli 216(1)(b) dwar dak li fil-ġurisprudenza nostrana tissejjaħ offiża gravi, u 218(1)(b) li mill-banda l-oħra tissejjaħ bħala offiża gravissima:

*"216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -*
*...*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

*"218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minnħamsa sa għaxar snin -*
*...*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b).... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta*

*ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deċiża fit-30 ta' Lulju 2004 ġie ritenut:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Il-provi li huma ta' relevanza sabiex din il-Qorti finalment tasal għal konklużjoni jekk l-imputat għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni huma dawk li jirrelataw man-natura tal-ġrieħi sofferti, kif ukoll dawk li jorbtu l-imputat mal-vittma.

Din il-Qorti tinnota li għalkemm il-vittma Victor Lofreda, f'dan il-każ ma xehedx, din il-Qorti trid tara l-provi kollha prodotti sabiex tasal għal konklużjoni tagħha dwar il-ħtija tal-imputat. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġrieħi, din il-Qorti rat iċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib mediku **Dr Whitney Sciberras Buhagiar.** L-imsemmija tabib ittellgħet tixhed u kif ingħad hawn fuq wara li ġiet murija ċ-ċertifikat mediku eżebit fl-atti, hija kkonfermat li dan kien inħareġ minnha stess wara li eżaminat lill Victor Lofreda fil-Polyclinic ta' Raħal Ġdid. Hija tgħid li peress li dawn kienu fuq il-wiċċ hija indikathom bħala ġrieħi ta' natura gravi.

Fix-xhieda tiegħu is-surġent 1227 Malcolm Pace jgħid li mata Victor Lofreda mar l-għassa taż-Żurrieq *"mill-ewwel stajt ninnota li dan kellu zewg black eyes kif ukoll kellu xi punti fuq il-kappell t'ghajnejh ix-xellugija"*. Mix-xhieda tas-surġent li propju għażel

il-kliem *"mill-ewwel"* jirriżulta lill din il-Qorti li dawn il-ġrieħi kienu viżibbli u kienu jtellfu l-armonija tal-wiċċ.

Hekk kif jirriżulta mil-verbal ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2020 din il-Qorti kif diversament presjeduta imbagħad kellha l-opportunita tivverifika hi stess waqt is-seduta jekk il-ġrieħi ħallewx marki jew sfreġju permanenti. Fil-fatt fil-preżenza tal-partijiet din il-Qorti kif diversament presjeduta ivverbaliżżat li ma jidhrux marki permanenti, u qed jiġi eskluż li dawn il-ġrieħi huma ta' natura gravissima kif deskritti fl-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9.

**Din il-Qorti għaldaqstant tasal għal konklużjoni li l-ġrieħi li ġarrab Victor Lofreda huma ġrieħi ta' natura gravi kif kontemplati taħt l-artikolu 216(1)(b).**

Imiss issa sabiex din il-Qorti tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad rikjest fil-liġi penali jekk dawn il-ġrieħi ġewx ikkaġunati mill-imputat Alex Galea. L-unika prova prodotta mill-prosekuzzjoni rigward dan il-fatt hija x-xhieda ta' Josianne Sciberras. Hija, għalkemm ma setgħetx tiftakar il-ġurnata, iddeskriviet il-fatti tal-każ u dawn jinkwadraw sew mal-evidenza l-oħra kollha, u għaldaqstant din il-Qorti m'għandiex dubbju li hija fil-fatt meta qed tiddeskrivi dak li hi u Victor Lofredaa għaddew minnu, hija qed tirreferi għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Jannar 2019 u li bih jinsabu akkużati l-imputati.

Hija xehdet, kif ingħad hawn fuq, illi hi marret flimkien ma Victor Lofreda d-dar ta' omm l-imputati Galea, u malli waslu fil-post u ħabbtu l-bieb, fetaħ l-imputat Alex. Hi tgħid li mill-ewwel indunat li kien hemm xi ħaġa mhux f'postha. Hija tkompli li ġewwa kien hemm xi għaxar minn nies, u li l-imputati kienu kollha hemm. Biss jidher li hi tiffoka fuq l-imputat Alex Galea. Tgħid li huwa kien urija karta li kienet dwar kirja ta' post, u li Victor Lofreda kien mar biex jiġbor xi flus. Hija tgħid li rat lill imputat Alex jagħti lill Victor, kif ukoll dan ħadlu mija u ħamsin Ewro minn ġol kartiera. Din ix-xhud hija kredibbli, u fin-nuqqas ta' xi prova oħra li titfa xi dubbju dwar dak allegat minn din ix-xhud, din il-Qorti tiddikjara li hija moralment konvinta dwar il-verżjoni mogħtija minnha bil-ġurament.

**Għaldaqstant mill-provi produċibbli din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat Alex Galea ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, kif ikkontemplati taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u se tkun qiegħda ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

3. **It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputati Alex Galea, Andrew Galea, u Twain Sciberras:**

*"Akkużati kollha talli fl-istess data, ħin, postijiet, u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arrestajtu, żammejtu, jew issekwestrajtu lil Victor Lofreda u Josianne Sciberras kontra l-volontà tagħhom, jew ta' l-post biex fih dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrata."*

Din il-Qorti sejra qabel xejn tanalizza l-artikolu tal-Liġi relevanti sabiex tistabbilixxi l-konfini ta' dan ir-reat u l-elementi tiegħu. L-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> *"86. Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*
>
> *Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Il-leġislatur ħaseb għal-**żewġ esklużjonijiet** fil-ftuħ ta' dan l-artikolu, ċioe:

(i) fejn ikun hemm ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u
(ii) fejn il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati.

Jibda biex jingħad li l-arrest ta' llum ma jaqa taħt l-ebda waħda minn dawn l-esklużjonijiet.

Il-qari tal-kumplament ta’ dan l-artikolu jwassal għal fehma li hemm diversi forom li bih l-arrest illegali jista' jimmanifesta ruħu. Li huwa żgur hu li dawn il-forom iridu jirriżultaw fit-tnaqqis dolus u mingħajr awtorità tad-dritt ta’ persuna għal moviment liberu. Għaldaqstant ikun ħati ta’ dan ir-reat kull min:

*(a) jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha; jew*
*(b) jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata.*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shawn Tabone** deċiż fis-6 ta' Jannar, 2012 l-Onor. Imħallef Lawrence Quintano qal hekk:

> *“L-appellant kien akkużat b’sekwestru tal-persuna ai termini tal-artikolu 86 fejn wieħed ‘jarresta, jżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ tagħha.’ Skont il-Professur Mamo: ‘The words ‘arrest’, ‘detention’ and ‘confinement’ are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: ‘Il reato preveduto nell’articolo 86 esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o commina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalment si trasporti da un luogo ad un altro.’ (Roberti para 323) The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or be detained in his own house without having been previously arrested; or may be confined in a lonely place, or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is.’ (Notes on Criminal Law part II pages 35 and 36). L-Antolisei jikkommenta hekk dwar dan ir-reat: ‘L’elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta’ personale, la quale qui va intesa in senso restrttivo, e cioe’ come liberta’ spaziale o liberta’ di muoversi nello spazio (liberta’ di locomozione). ......nel sequestro di persona la limitazione concerne tutta la zona della libera locomozione o una determinata serie o specie di movimenti. ......Risponde del reato in esame tanto chi chiude una persona in una stanza, impendendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta’ di movimento, trattendeol indebitamente nel luogo cui e’ rinserrato......E’ necessario, peraltro, che la perdita della liberta’ si protragge per un periodo di tempo di un certo rilievo......... L’elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta’ di privare taluno della sua*

*liberta' personale, senza averne l'autorizzazzione. Non occorre alcun fine speciale'.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fit-2 t'Ottubru 2000 ġie ritenut li:

*'Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volonta' tagħha u, s'intendi mingħajr awtorita' legittima.'*

Issa fil-każ tal-imputati, din il-Qorti trid tevalwa id-deprivazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu kemm ta' Victor Lofreda kif ukoll ta' Josianne Sciberras. Il-forma tal-arrest fil-konfront ta' dawn iż-żewġ persuni hija differenti.

Josianne Sciberras tixhed li Victor Lofreda ġie miżmum ġewwa post wieħed għal bejn sagħtejn u erba' sigħat, filwaqt li hija ttieħdet minn post għal ieħor. Hawnhekk din il-Qorti tagħmel referenza għal istqarrija rilaxxat mill-imputat Alex Galea, huwa jistqarr li Josianne Sciberras u Victor Lofreda *"gew xi 10:00a.m jew 10:30a.m ... hu ma ghamilx aktar mis-01:30p.m."*.

L-imputat Alex Galea jammetti f'din l-istqarrija li qal lill Victor Lofreda *"li ma kienx ser joħroġ mid-dar qabel ma irodd l-flus lura"*. Huwa għalkemm jgħid li kien se jġib il-pulizija, u allura hemmhekk seta kien hemm xi forma ta' ġustifikazzjoni, dan ma seħħx, fis-sens li la l-imputat Alex Galea u lanqas l-imputati l-oħra, jew xi ħadd ieħor, ma talab l-intervent tal-pulizija fil-ħin li Victor Lofreda u Josianne Sciberras kienu ma l-imputati. L-istess jgħid l-imputat Andrew Galea, *"Ġibnih ghand ommi ... u ghednielu qabel ma kien ser jaghtina l-flus li ha lil ommi ma kienx ser johrog minn hemm."*

Andrew Galea, fl-istqarrija tiegħu, filwaqt li jammetti li hu kien id-dar, jgħid li kienu hu (l-imputat Andrew Galea) u Twain li ħadu lill Josianne Sciberras il-ħdejn il-bank u d-dar.

Minn naħa l-oħra Twain Sciberras fl-istqarrija tiegħu ukoll jikkonferma li kien hemm dakinhar tal-inċident u li hu kien parteċipi peress li dwar Victor Lofreda jgħid *"zammejnih hemm biex niehdu l-flus"*. Dan jikkonferma li din iż-żamma tal-persuni

damet meta jgħid *"wara hafna dewmien jgghid li ma ghandhomx flus"*. Jammetti ukoll li hu kien wieħed mill-persuni li ħa lill Josianne Sciberras, u l-fatt li jużа l-kliem *"hadniha d-dar"* ukoll jindika li hi marret kontra l-volontà tagħha.

Din il-Qorti għaldaqstant barra x-xhieda ta' Josianne Sciberras għandha l-aqwa prova, il prova reġina li hija produċibbli ai termini tal artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar il-fatt li Victor Lofreda inżamm kontra l-volontà tiegħu, ċioe l-ammissjoni volontarja tal-imputati.

Lura għax-xhieda ta Josianne Sciberras, dwar dak li ġara ġewwa l-fond ta' omm l-imputati Galea u ftit wara meta l-vittma Josianne Sciberras inħarġet u ittieħdet biex tiġbed il-flus u fir-residenza tagħha, hija tgħid li mhux soltu li fid-dar msemmija jkun hemm dawk in-nies, li hija tistma li kienu xi għaxra. Hija f'dan l-istadju tagħraf l-imputati u tikkonferma li kienu kollha hemm.

Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Richard Borg, deċiż nhar it-18 ta' Settembru 2002, ġie ritenut li:

> *"Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu."*

Mill-assjem tal-provi anki dawk imsemmija hawn fuq m'għandiex dubbju li Victor Lofreda u Josianne Sciberras ma kinux liberi li jitilqu. Dan jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' Josianne Sciberras li apparti li tgħid li hi kienet qed tibża u li ma riditx tmur id-dar tagħha magħhom biss xorta marru, jingħad ukoll:

| | |
|---|---|
| *"Supretendent Trevor Micallef:* | *Għalfejn, għalfejn bqajt hemm ġew inti?* |
| *Josianne Sciberras* | *Lili ma ħallewnix noħroġ. Bdew jgħiduli: "Inti kompliċi miegħu u jien sadanittant ma kontx naf b'xejn imma."* |

Għaldaqstant mill-provi produċibbli, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-imputati kolla sal-grad rikjest mil-Liġi, u sejra ssib il-ħtija fuq din l-imputazzjoni.

**4. It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputati Alex Galea, Andrew Galea, u Twain Sciberras:**

> *"Akkużati kollha talli fl-istess data, ħin postijiet u ċirkostanzi kkommettejtu serqa ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Victor Lofreda u jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, u bil-lok."*

Din il-Qorti għandha quddiema każ fejn fi kliem sempliċi l-imputati ħadu l-liġi f' idejhom biex jieħdu lura f'isem ommhom dak li kien dovut lilha. Issa s-serq fil-gurisprudenza Maltija isegwi l-insenjamenti ta' Carrara li jtina d-definizzjoni tas-serq bħala *"La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro"* (Programma, Parte Speciale Vol. IV, para 2017). Minn din id-definizzjoni joħorġu s-segwenti elementi:

(i) il-kontrettazzjoni ta' ħaġa
(ii) ta' ħaddiehor;
(iii) b'qerq;
(iv) kontra l-volonta' tas-sid u
(v) bl-iskop ta' lukru.

Dawn il-ħames elementi, lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex l-imputati jiġu misjuba ħatja ta' serq.

Mill-provi produċibbli mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputati kellhom il-ħsieb li jieħdu lura f'isem ommhom dak li Victor Lofreda kien ħa lill-istess omm. Din il-Qorti sejra għalissa tanalizza dan il-fatt waħdu, biss imbagħad tkompli biex tevalwa l-allegazzjoni li l-imputati riedu aktar minn hekk.

Għalkemm l-imputati m'humiex mixlija bir-reat taħt l-artikolu 85 dwar ir-raġġion fattasi, u dan l-anqas jissemma fl-artikoli kif maħruġa mill-Avukat Ġenerali, u din il-Qorti mhix sejra ssib ħtija taħt imsemmi artikolu, madanakollu l-Qorti tħoss li għal dak li għandu x'jaqsam mal-fatt sa fejn qiegħda tanalizza din il-Qorti s-issa, dan l-artikolu huwa ta' mportanza. Il-Qorti se tiċċita dak li jgħid l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: ..."*

Din il-Qorti kif diversament preseduta li adottat il-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Mario Tanti tad-9 ta' Diċembru 1944 u s-sentenza il-Pulizija vs John Galea et. deċiża fit-30 ta' Jannar 2003 huma ferm relevanti għal kwistjoni in deżamina:

> *"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il- CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035]:-*
>
> *"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*
> *u l-CRIVELLARI jghid :-*
>
> *"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare."*
>
> *Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*
>
> *"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri*

*causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self ... ..."*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1843 jghid:-*
*"il profitto ... ... deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"... ... per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917, p..140]*

*Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]*

*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised ... ... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing ) ... ... the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*
*Pero l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-*

*"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right, in which case you may have in appropriate circumstances, the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code."*
*L-istess jghid MAINO [op.cit. para 1844] :-*

*"Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno , o per esercitare sulla cosa*

*un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto , per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."*

*u*

*"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen., non sara' dunque applicabile il titolo di furto , ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto , sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno ."*

*Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-*

*"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito: il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."*

*u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi . Hekk jghid :-*

*"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi. La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. ... ... il vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi." Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda:*

*"eminentemente giuridica, cosi' nel rapporto soggettivo, perche' vi e' minore malvagita'; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede, ai quali deve la societa' una protezione minore. La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."*

*Illi umbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe':-*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*
*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u*
*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. ...*"

Din il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni illi sakemm l-imputati kienu qed jirkupraw dak meħud allegatament b'ingann lill-omm l-imputati Galea, huma ma kinux qed jagħmlu qliegħ u lanqas kienu qed jappropjaw favur tagħhom minn ħwejjeġ ħaddieħor, u għaldaqstant, kieku waqfu hemm is-serq ma kienx jirriżulta, billi dawn iż-żewġ elementi kostitwenti r-reat tas-serq ma jissussistux. Seta jirriżulta r-reat taħt l-artikolu 85 fuq ċitat, ir-raġġion fattasi, però dan ma jifformax parti mill-akkużi u mill artikoli kif maħruġa mill-Avukat Ġenerali.

Biss din il-Qorti fil-paragrafu preċedenti, kif ukoll aktar il-fuq, diġa għamlet aċċenn għal fatt li hija kienet qed tikkonsidra l-fatti sal-punt fejn l-imputati kienu allegatament qed jirkupraw, illegalment u se mai kontra l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9, il-flejjes meħuda ukoll allegatament illegalment u bi frodi mil-vittma Victor Lofreda. Biss l-imputati ma waqfux hemm. Il-vittma Josianne Sciberras tallega li l-imputat Alex Galea ma kienx kuntent bis-seba' mija u ħamsin Ewro (€750) li kien irkupra. Hu ried aktar. Fix-xhieda tagħha Josianne Sciberras tgħid:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *U ġbidtlu l-flus u tajtu l-flus kollha. Tajthomlu nsomma u barra dawk riedu iktar flus. Ridu jiġu għandi u jien dak il-ħin ippanikjajt u bdejt nibza u l-flus tajnihomlhom kollha u ġew għandi d-dar għax bdejt nibża'* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Għandek id-dar fejn?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Fejn kont noqgħod Ġaż-Żabbar.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Fejn hu l-post?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Il-post Ħaż-Żabbar għandna* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Taf l-address x'kien?* |

| | |
|---|---|
| *Josianne Sciberras:* | *E Triq Burżett, Sqaq Burżett xi ħaġa Zabbar.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Ija?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Emm imbagħad ġew u ħadulu protectot u hekk, protector u anke mobajl ħadulu. Il-mowbajl baqa' ma intraċċ lura u ma nafx forsi."* |

Waqt il kontroeżami x-xhud tikkonferma dan billi għid:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *E għax tajnihomlhom umbagħad riedu aktar huma."* |

Mil l-istqarrijiet tal-imputati l-uffiċjal investigatur jagħmel referenza għal fatt li minflok l-ammont ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) l-imputati riedu elf ewro (€1,000). Biss din il-Qorti wara li fliet sew l-atti proċesswali ma sabitx provi li jindikaw l-imsemmi ammont ta' elf Ewro. L-unika prova li l-imputati riedu aktar minn dak allegatament iffrodat minn Victor Lofreda toħroġ mix-xhieda ta' Josianne Sciberras kif jidher hawn fuq.

Mil provi produċibbli jirriżulta li l-imputati ħadu mija u ħamsin ewro (€150) mill kartiera ta' Victor Lofreda. Din tirriżulta mix-xhieda ta Josianne Sciberras:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *Lil Victor.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Ija?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Imbagħad emm u ħadulu mija u ħamsin minn ġol-kartiera."* |

Ix-xhud terġa tikkonferma dan waqt ix-xhieda tagħha u żżid li kien għad fadal sitt mitt ewro (€600) u lilha ħaduha biex tiġbed il-kumplament mill-Bank:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *Ħadulu mija u ħamsin mill-kartiera u, u riedu xi sitt mija oħra.* |
| *Supretendent.* | *Eħe?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Jien kien hemm wieħed minnhom u ħadni biex niġbed biex intiha l-kumplament.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Min ħadek biex tiġbed?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Iż-żgħir tagħha. Andrew mingħalija.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Qed tagħrfu hawnhekk f'din l-awla?* |

| | |
|---|---|
| *Josianne Sciberras:* | *Dan.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Eħe?* |
| *Josianne Sciberras:* | *U ġbidtlu l-flus u tajtu l-flus kollha. Tajthomlu nsomma u barra dawk riedu iktar flus. Ridu jiġu għandi u jien dak il-ħin ippanikjajt u bdejt nibża u l-flus tajnihomlha kollha ġew għandi d-dar għax bdejt nibża'."* |

Għaldaqstant l-ammont allegatament frodat kien ġie rkuprat mill-imputati f' isem omm l-imputati Galea. Biss l-imputati ma waqfux hemm. Mix-xhieda ta' Josianne Sciberras jirriżulta li l-imputati ħadu ukoll projector u mobajl. Din il-Qorti, għalkemm donnu l-uffiċjal investigatur jindika li ttieħed ukoll television, tgħid li dan ma jirriżulta minn imkien mill provi prodotti:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *Emm umbagħad ġew u ħadulu l-protector u hekk, protector u anka mobile ħadulu. Il-mobajl baqa' ma ntraddx lura u ma nafx forsi* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *X'ħadu apparti l-mowbajl?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Anki mobajl kienu ħadulu imma* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Le apparti l-mobajl x'ħadulu?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Projector jew x'* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Projector naħseb* |
| *Josianne Sciberras:* | *Projector jew ma nafx x' jgħidulu.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Eħe?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Ma nafx. Insejt x' ħadulu iżjed.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Dawn l-affarijiet kollha li semmejt, il-flus, il-mowbajl u l-projector x'sar minnhom sal-ġurnata tal-lum?* |
| *Josianne Sciberras:* | *Baqgħu ma ġewx lura u lanqas il-mobajl u sadanittant kienu qegħdin jhedduh u hekk d-dar tagħha u tawh."* |

Din il-Qorti jirriżultalha li kienu l-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras li ħadu lill-Josianne Sciberras li ġġegħlet tiġbed il-flus, u sussegwentement fir-residenza tagħha minn fejn minn tal-anqas ittieħed projector. Biss m'għandiex prova x'sar mill-projector li ttieħed mir-residenza ta' Josianne Schembri. Lanqas ma jirriżultalha ppruvat fejn ittieħed dan il-projector, u jekk dan ittiħidx id-dar ta' omm l-imputati Galea, fejn kien hemm Alex Galea. Din il-Qorti l-anqas m'għandha stampa ċara mix-xhieda ta'

Josianne Sciberras jekk il-mobajl ittiħidx mir-residenza tagħha jew mingħand Victor Lofreda.

**Għaldaqstant ma tistax tkun konvinta sal-grad rikjest mill-liġi jekk l-imputat Alex Galea kienx parteċipi fit-teħid tal-projector mir-residenza ta' Josianne Sciberras, u se tkun qed tillibera lill imputat Alex Galea minn din l-akkuża.**

Jirriżulta li Josianne Schembri ma kellha x'taqsam xejn ma dak li għamel Victor Lofreda, u xejn ma kien dovut minnha lill-imputati. Dan joħroġ ċar mix-xhieda tagħha meta l-imputat Alex Galea qalla x'kien għamel Victor Lofreda:

| | |
|---|---|
| *"Josianne Sciberras:* | *Emm imbagħad Alex ħareġ karta. Qalli "Ara x' għamel dan," għal Victor. Ħeqq jiena ma kont naf xejn x' għamel u x' ma għamilx għax lili ma qalliex.* |
| *Supretendent Trevor Micallef:* | *Eħe.* |
| *Josianne Sciberras:* | *U għedtlu, għedtlu: "Inti bis-serjetà ma' din il-mara allura? u hekk."* |

Din il-Qorti jirriżultalha suffiċjentement pruvat li allura l-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras ħadu sitt mitt ewro, u projector mingħand Josianne Sciberras.

L-imsemmija imputati jinsabu mixlija b'serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, u bil-lok.

Skont l-artikolu 262(1)(a) is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza meta jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna. Kif diġà ngħad din il-Qorti sejra ssib lill-imputati ħatja dwar it-tieni akkuża, u għaldaqstant b'konsegwenza ta dan l-aggravju tal-vjolenza ser jirriżulta.

Dwar l-aggravju tal-mezz, dan huwa definit fl-artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-mod li ġej:

> *"263. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -*
> *(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;*

*(b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel."*

Il-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-elementi msemmija fl-artikolu ċitat u għaldaqstant m'hijiex se tkun qed issib lill-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras ħatja ta' dan l-aggravju.

It-tielet aggravju li jinsabu akkużati bih l-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras huwa dak definit bl-artikolu 267 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioe meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Issa, għalkemm il-valur tal-projector ma ġiex ippruvat, l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li mingħand Josianne Sciberras, persuna li kif ingħad hawn fuq ma kelliex x'taqsam ma l-flus li allegatament ħa Victor Lofreda lill-omm l-imputati Galea, ittieħed il-bilanċ minn seba mija u ħamsin ewro (€750) wara li kienu ittieħdu mija u ħamsin ewro (€150) mingħand Victor Lofreda, jiġifieri ittiħdula sitt mitt ewro (€600). Dan jikkonfermah l-imputat Alex Galea stess fl-istqarrija tiegħu (fol 19). Peress li dan l-ammont jiżbozza l-ammont imsemmi fl-artikolu 267, din il-Qorti hija moralment konvinta li dan l-aggravju ġie ppruvat fil-konfront tal-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras.

Dwar l-aħħar aggravju li jinsabu akkużati bih Andrew Galea u Twain Sciberras, ossia l-aggravju tal-mezz, dan hu definit fl-artikolu 269 bħala:

*"269. Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir -*
*(a) f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla;*
*(b) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal-qorti;*
*(ċ) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;*
*(d) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta' rahan li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku;*
*(e) fuq bastiment jew biċċa oħra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiġġati;*
*(f) fil-ħabs jew f'lok ieħor ta' kustodja jew ta' piena;*
*(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha."*

Il-Qorti hija konvinta li parti mis-serqa, ċioe it-teħid tal-projector, sar fl-abitazzjoni residenzjali ta' Josianne Sciberras, u jaqa taħt il-paragrafu (g), għaldaqstant dan l-aggravju jinsab ippruvat.

**Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputati Andrew Galea u Twain Sciberras huma ħatja ta' din l-imputazzjoni limitatament għas-serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur u bil-lok.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti kkunsidrat li l-fedina penali tal-imputati għalkemm mhix waħda netta, mhix allarmanti, u għaldaqstant fl-interess tar-riforma tagħhom, mhix se teroga piena karċerarja effettiva.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 214, 215, 216(1)(b), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(g), 274(ċ)(d), 275, 277(a), 280(1), 281(a), u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ma ssibx lill-imputat Alex Galea, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 110193M ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u tilliberah minnha, iżda issibu ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, ssib lill imputat Andrew Galea, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 99587M ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, u ssib lill imputat Twain Sciberras, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 132200L ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, u tikkundanhom sentejn (2) ħabs kull wieħed, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ħatja jiġu ttrattati permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din is-sentenza, il-ħatja jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

In oltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġi lill-ħatja kollha taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal tal-probation għall-perjodu ta' sentejn u l-kondizzjonijiet imposti fid-digriet anness, mogħti kontestwalment ma din is-sentenza għandhom jifformaw parti integrali magħha.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza u wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jikkommettu reat ieħor punibbli b'piena ta' priġunerija, jew ma joqgħodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Superviżjoni.

B'applikazzjoni u għall-finijiet tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħhom nfushom, biex ma jimmolestawx lil Victor Lofreda u lill Josianne Sciberras u dan taħt penali ta' ħamest elef Euro (€5,000), għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, fid-dawl tal-allegazzjonijiet magħmula mill-imputati fil-konfront tal-aġir ta Victor Lofreda, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga tali allegazzjonijiet u biex jieħu dawk l-azzjonijiet li jidhirlu xierqa fil-konfront ta' l-imsemmi Victor Lofreda

Tordna li vera kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta’ Novembru 2023

**ORDNI TA’ SUPERVIŻJONI**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)**

Każ Numru: 74/2020

**IL-PULIZIJA**
(Supretendent Trevor Micallef)
**Vs**
**Alex Galea,**
**Andrew Galea, u**
**Twain Sciberras.**

**Il-Qorti:**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta’ Superviżjoni.

Tordna li **Alex Galea**, iben Paul u Dolores nee Spiteri, imwieled Pietà, nhar l-24 ta' Frar, 1993, u residenti 36, Suor Zita, Triq il-Mandolina, B’Buġa u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 110193M, jkun għal perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum taħt is-sorveljanza ta’ Uffiċjal ta’ Supervizjoni bil-kundizzjoni:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti, kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni;
2. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċċjal, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-uffiċjal ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċċjal;
3. Li għandu javża immedjatament lill-uffiċċjal sorveljanti b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti;
4. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti; u
5. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

TORDNA li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-uffiċjal sorveljanti.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja mill-uffiċċjal sorveljanti quddiem il-Qorti kompetenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Alex Galea** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 110193M** |

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)**

Każ Numru: 74/2020

**IL-PULIZIJA**

(Supretendent Trevor Micallef)

**Vs**

**Alex Galea,**

**Andrew Galea, u**

**Twain Sciberras.**

**Il-Qorti:**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Superviżjoni.

Tordna li **Andrew Galea**, iben Paul u Dolores nee Spiteri, imwieled Pieta nhar it-13 ta' Frar 1987, u residenti 40, Sajonara, Triq Hector Dalli, Żejtun u detentur tal-karta tal-identitá bin-numru 99587M, jkun għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni bil-kundizzjoni:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti, kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni;
2. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċċjal, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-uffiċjal ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċċjal;
3. Li għandu javża immedjatament lill-uffiċċjal sorveljanti b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti;
4. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti; u
5. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

TORDNA li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-uffiċjal sorveljanti.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja mill-uffiċċjal sorveljanti quddiem il-Qorti kompetenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Andrew Galea** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 99587M** |

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)**

Każ Numru: 74/2020

**IL-PULIZIJA**
(Supretendent Trevor Micallef)
**Vs**
**Alex Galea,**
**Andrew Galea, u**
**Twain Sciberras.**

**Il-Qorti:**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Superviżjoni.

Tordna li u **Twain Sciberras**, iben Patrick u Tania nee Attard, imwieled Pieta nhar id-9 ta' April 2000, u residenti 24, Carb Tree, Flt. 2, Triq il-Mandolina, B'Bugia, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 132200L, jkun għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni bil-kundizzjoni:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti, kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni;
2. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċċjal, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-uffiċjal ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċċjal;
3. Li għandu javża immedjatament lill-uffiċċjal sorveljanti b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti;
4. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti; u
5. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

TORDNA li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-uffiċjal sorveljanti.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja mill-uffiċċjal sorveljanti quddiem il-Qorti kompetenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Twain Sciberras** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 132200L** |